# 77. Il-Pirċissjoni

Ġol-misraħ waqt is-sħana
tas-sajf ta' nofsinhar
għaddejja l-pirċissjoni
ta' bniet u subien żgħar.

Bil-lasta tal-ixkupa
Toni quddiem għaddej
flok is-salib, u miegħu
għandu akkolti tnej'.

Bħala ċensier Peppinu
bott rabat minnu fih
bi tlitt spagiet u qabbad
ċarruta ġewwa fih;

Fuq nofs tavla mizbugħa
tnejn oħra jġorru l-vara...
kulħadd biex jerfa' naqra
jiġġieled u jissara;

Mikiel taparsi kappa
libes il-fardal t'ommu,
u qagħ'd sieket u serju
bilkemm ibexxaq fommu;

Ruxxmata tfal madwarhom
flok xemgħa bil-għudiet;
oħrajn idoqqu l-landi
u jgħajtu x'erba' għajtiet.

* * *

Għad jiġi żmien liċ-ċorma
issir nisa u rġiel,
u jekk tal-pirċissjoni
jiġi ġo moħħhom ħjiel,

Jintebħu kemm ferħana
imxew illum flimkien,
u forsi lkoll jixxenqu
li jerġa' dan iż-żmien.